SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 26-14**

Illum it-Tlieta, 25 ta' Marzu 2014

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fl-4.30p.m.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri.

**ASSENTI**

L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo nfurmat lil Kunsill permess ta' *e-mail* li ma setgħetx tkun preżenti għal din il-laqgħa minħabba mpenji marbuta ma' l-iskola.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 24-14 li saret nhar it-Tnejn 17 ta' Frar 2014 u l-laqgħa li ġiet imsejħa b'urġenza u li saret nhar it-Tnejn, 10 ta' Marzu 2014 ġew moqrija u approvati.

### 1.1 *Mill-Minuti*

#### *1.1.1 Memo 4-2014*

Il-Kunsillier Joe Bonello staqsa jekk kienux inxtaw kotba għall-librerija hekk kif propost fil-Memo 4-2014. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien informa lid-Dipartiment li kien qabel ma' din l-iskema. Huwa qal li hekk kif il-Kunsill ikollu l-konferma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali ikunu jistgħu jinxtraw il-kotba.

#### *1.1.2 Attivita tal-Karnival*

Is-Sindku rrefera għall-attivita tal-Karnival li kellha ssir nhar it-Tnejn, 3 ta' Marzu 2014 ma kelliex is-suċċess mixtieq minħabba li ma kienx hemm konkorreża mir-residenti.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-18 ta' Frar 2014 u l-25 ta' Marzu 2014 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0347-14-O: Reġjun Nofsinhar – Inizjattivi favur il-qari fil-Lokalita'
- 0351-14-O: GreenMt – Avviż ta' tmiem tal-kuntratt
- 0219-14-O: Schembri Barbros Ltd. – *Letter of Acceptance* Ref: (WR) 57-13-2

**2.2.2** ***Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 0231-14-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Memo 25-2014: Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2013-2014
- 0234-14-I – Reġjun Nofsinhar – Memo 34/2013: Sejħa tal-Offerti Manutenzjoni tal-I*street Lighting*
- 0298-14-I – Mepa – *Utilisation of Urban Improvements Fund* (UIF)
- 0301-14-I – Corradino Correctional Facility – *Community Work*
- 0310-14-I – Local Council's Association – AKL – Cirk 18-2014 – *Social Work Services to Older Persons (60+) from Local Councils*
- 0312-14-I – Reġjun Nofsinhar – RN Policy ECO -Wardens
- 0350-14-I – TCTC – IKIDS 2014
- 0371-14-I – Green Mt – Terminu tal-ftehim bejn il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija u Green Mt Ltd.
- 0372-14-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Laqgħa rigward l-Iskema A+Accessibility Award

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- **Final draft Business Plan 2014-2016**
- **Final draft Budget 2014**
- **Segretarjat Parlamentari Għall-Kultura u Gvern Lokali – Riforma tas-Sistema tal-Infurzar Lokali**

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0231-14-I is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-attivita' WAW u nforma l-Kunsill li – Dipartiment għall-Gvern Lokali kien approva s-somma ta' €1,000.00 għal din l-attivita'. Huwa fakkar li l-ispiza nvoluta f'din l-attivita', kienet ta' madwar €10,000.00 u l-Kunsill ser jinghata biss 10% ta' din l-sipiza. Huwa fakkar li din l-attiivita' kienet ser tittella' flimkien ma' l-iskola sekondarja tal-bniet Sir Thomas More ta' Santa Luċija.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0324-14-I il-Kunsill innota *e-mail* li r-Regjun Nofsinhar kien bagħt lid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali fejn talab kjarezza dwar il-possibilita' li jkun hemm bidla fil-kompozizzjoni tar-Regjuni. Huwa spjega li r-Regjun ma setax joħrog sejħa għall-offerti f'isem għaxar Kunsilli Lokali li wrew interess imbagħad fir-riforma jkun hemm bidla fil-kompozizzjoni tar-Regjun u xi Kunsilli Lokali jigu jagħmlu parti minn xi Regjun ieħor.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 298-14-I, is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Mepa iddeċidiet li tuża 30% tal-fondi ta' l-UIF li minnhom jibbenikaw il-Kunsilli Lokali biex jitnaddfu u jingħalqu *plots* fil-lokalita'. Dawn il-flus jergu jiġu rifusi meta l-propjetarju tal-*plot* iħallas id-*Direct Action Fees* dovuti.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 301-14-I, saret referenza ghall-xogħol fil-kommunita li jsir minn prinġunieri mill-facilita' korrettiva ta' Kordin. Is-Sindku qal li peress li l-ispiża biex jinkera trasport għal dawn il-priġunieri, darbtejn kuljum ħames darbiet fil-ġimgħa, kienet ser tkun waħda konsiderevoli, l-Kunsill talab biex jekk hu possibli jsiru arranġamenti ma' l-awtorita' tal-ħabs biex dawn il-priġunieri jitwasslu mill-istess awtorita' u l-Kunsill jikkontribwixxi għal xi spejjeż li jista jkun hemm. Is-Sindku qal li l-Awtorita' tal-ħabs ma laqgħatx din il-proposta.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 310-14-I, il-Kunsill innota l-korrispondenza dwar inizjattiva tas-Social Work Services biex il-Kunsill jipprovdi post għal żewg *social workers* li jiġu darba fil-gimgħa biex jagħtu servizz soċjali lil anzjani li joqgħodu fil-madwar. Il-Kunsill innota li d-Dipartiment għas-Servizzi Soċjali għandu post f'Santa Luċija li jinsab magħluq u ilu ma jintuża għal diversi snin. Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tas-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilita', Anzjani u Kura fil-Kommunita' f'dan ir-rigward.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 312-14-I il-Kunsill qabel li juża s-siegħat akkumulati ta' servizz ta' ECO *wardens* li għandu l-Kunsill biex isir infurzar fuq min ma jimxix ma' l-ħinijiet u ġranet ġodda stabbiliti mill-Kunsill fir-rigward tas-serivizz ta' ġbir ta' skart imħallat u skart tar-riċiklar. Il-Kunsill qabel dwar liema huma l-aktar zoni li fihom isir abbuż u li fihom hemm bżonn ta' infurzar.

**3.7** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 0350-14-I il-Kunsill qabel li l-offerta li qed jagħmel TCTC dwar tagħlim tal-*computer* sa 85 student għal ħlas ta’ €1150 mhix vijabbli għall-lokalita ta’ Santa Lucija fejn il-konkorrenza ghal dawn il-korsijiet hija zgħira wisq. Ġie nutat ukoll li llum fl-iskejjel isir tagħlim tal-*computer* lil studenti ta’ kull eta.

**3.8** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 0371-14-I is-Sindku irrefera għat-tmiem tal-kuntratt bejn il-Kunsill ta’ Santa Luċija u GreenMt u qara ittra tal-Green Mt fejn informa l-Kunsill li kien ser jiġbor il-kontenituri u li l-ħlas dovut lil Kunsill kien ser jinħareġ sa’ l-aħħar tax-xahar.

**3.9** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 0372-14-I il-Kunsill innota li l-iskema A+ Accessibility Award ġiet imġedda sa l-aħħar ta’ April 2014 u li kienet ser issir laqgħa ta’ tagħrif dwar din l-iskema.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Ċerimonja tal-Handover u Inawgurazzjoni tal-Progett ta’ Rinovazzjoni ta’ Ġnien is-Serenita’*

Is-Sindku nforma lil Kunsill li l-Prim Ministru Dr Joseph Muscat ser ikun qed jinawgura l-Progett tal-Ġnien Ċiniż nhar il-Ġimgħa, 9 ta’ Mejju 2014 fil-5.00p.m. Is-Sindku qal li ser ikun qed jitħejja programm għal din l-okkazjoni li għalija ser tigi mistiedna l-Banda tal-Pulizija. Huwa qal li wara ċ-ċerimonja li matulha ser isir diskors għall-okkazzjoni mill-uffiċċjali tal-kumpanija IPPR, mis-Sindku, mill-Ambaxxatur Ċiniż u mill-Prim Ministru Joseph Muscat, ser jiġu ffirmati d-dokumenti tal-*handover* tal-ġnien lil Kunsill ta’ Santa Luċija. Huwa qal li wara, l-Ġnien jinfetaħ mill-ġdid mill-Prim Ministru. Is-Sindku kompla jgħid li l-mistednin ser jiddawru ma’ l-ġnien u ċ-ċerimonja tagħlaq b’bibieta għall-okkazzjoni.

Il-Kunsill qabel dwar minn huma l-mistednin li ser jiġu mistiedna għall-okkazzjoni.

### *4.2 Estensjoni ta’ xahar tal-kuntratt għal ġbir ta’ skart imhallat*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li bl-approvazzjoni tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali, il-kuntratt hawn fuq imsemmi ser jiġi estiz b’xahar biex tilħaq issir kampanja edukattiva dwar it-tibdil tal-ġranet li fiħ ser jingħata dan is-servizz. Is-Sindku qal li peress li matul dan ix-xahar ser ikun hemm tibdil fil-ġranet tal-ġbir, il-Kunsill wasal għal kompromess mal-kuntrattur preżenti biex fil-Ħdud u nhar ta’ Tlieta, r-rata tal-ħlas tonqos b’50%. Il-Kunsill qabel ma’ din il-proposta.

## *4.3 Ġnien Dom Mintoff*

Is-Sindku rrefera għal proposta ta' resident li ġiet diskussa fil-Laqgħa numru 24-14 u ta xi nformazzjoni dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill peress li fl-imsemmija laqgħa mhux kulhadd kien preżenti. Huwa qal li l-Kunsill kien qabel li l-*Jogging Track* jissemma Ġnien Dom Mintoff.

## *4.4 PA\02925\13*

Is-Sindku qal li l-Kunsill gie nfurmat mill-Mepa li kienet irċieviet pjanti ġodda fir-rigward tal-Applikazzjoni PA/02925/13, biex isir 5-*a-side pitch* ħdejn il-*Football Ground* ta' Santa Luċija. Il-Kunsill qabel li jinforma lil Mepa li proposti tal-Kunsill fir-rigward tar-*re-embellishment* għadhom japplikaw.

## *4.5 Inizjattiva favur il-qari fil-Lokalita'*

Is-Sindku rrefera għal minuta 2.2 tal-Laqgħa 25-14 fejn il-Kunsill qabel ma' l-inizjattiva tar-Regjun Nofsinhar biex issir attivita' favur il-qari li għaliha l-Kunsill kien ser jingħata €1000.00 mir-Reġjun. Huwa qal li l-Kunsill kien ser jinawgura din l-Inizjattiva nhar is-Sibt, 3 ta' Mejju 2014 fid-9.00a.m fil-librerija pubblika. Huwa kompla jgħid li matul din l-attiivta' ser isir *story telling* għat-tfal zgħar u ser jiġu varati żewġ inizjattivi oħra waħda bl-isem ta' *The Santa Lucija Housebound Library Service* fejn bl-għajnuna ta' nies voluntiera jitwasslu s-servizzi tal-librerija lil nies li ma jistgħux joħorgu mid-dar. Huwa qal li nzjattiva oħra li ser tiġi varata wkoll dak inhar hija skema marbuta ma' l-Qari u l-Ambjent fejn tfal li jiġbru numru ta' flixkien tal-minerali tal-*plastic* jingħataw ktieb.

## *4.6 Audio Tour tal-Ġnien Ċiniz*

Il-Kunsill gie nfurmat li kien sar ir-*recording* ta' l-*Audio Tour* tal-Ġnien is-Serenita'. Is-Sindku qal li l-i*script* kien tħejja minn naħa Ċiniża u ġie rekkordjat bil-lingwa Ingliża kif ukoll bil-Malti.

## *4.7 Kwotazzjoni ITS*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni tal-ITS biex issir d-*data migration* tal-*Fixed Assets Register* fuq is-*Sage*. L-ispiża nvoluta tammonta għall-€400.00.

### *4.8 Laqgħa dwar Infurzar Lokali*

Il-Kunsillier Victor Camilleri nforma l-Kunsill dwar laqgħa li kien attenda dwar ir-Riforma tas-Sistema tal-Infurzar Lokali li saret fil-15 ta' Marzu 2014. Huwa qal li l-laqgħa kienet interessanti ħafna. Huwa qal li ser issir kampanja ta' konsultazzjoni li tinvolvi laqgħat pubbliċi, kampanja ta' avviżi fuq il-gazzetti, televiżjoni u fuq is-*social media*.

### *4.9 Kwotazzjoni Nexos Lighting*

Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.5 tal-laqgħa 24-14 huwa qal li l-kwotazzjoni msemmija telgħet minn €1133.40 għal €1681.5 peress li l-lampi ma jistgħux jitwaħħlu fuq arbli eżistenti iżda jridu jsiru żewġ arbli ġodda twal sitt metri.

### *4.10 Tigdid tal-Kuntratt*

Il-Kunsill qabel li jġedded il-kuntratt referenza FPA (57-04-010) *Services of Football Pitch Attendant* għal perjodu ta' sena minn Marzu 2014 sa Frar 2015.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV4971 sa numru BOV5033 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn it-12-02-2014 u 18-03-2014 (Skeda Nru CM26).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 24-14(17-02-2014) u 25-14(10-03-2014)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Frar 2014 Ammont *Gross* € 7683.71

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **Ewro** |
|---|---|---|---|
| Owen Borg | SS(57/12/01) | Serv.Frar 2014 | 1024,25 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57/12/01) | 17/2014 | 237.50 |
| ELC Ltd | PKG 57 | 10432 | 2061.50 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57/12/02) | 16/2014 | 1092.50 |

## 6 KUNTRATT GREENPAK

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar l-aħħar żvilluppi dwar il-kuntratt il-ġdid li l-Kunsill kien ser jagħmel ma' GreenPak dwar serviżż ta' ġbir ta' skart tar-riċiklar. Huwa qal li l-Kunsill ingħata parir biex l-iskema l-ġdida tiġi varata f'daqqa u din kienet ser tibda mill-ewwel ta' Mejju 2014. Huwa qal li GreenPak kienet ser tieħu ħsieb tagħmel kampanja edukattiva fost ir-residenti u ser tqassam hi stess il-boroz il-ħodor. Huwa qal li l-Kunsill minn naħa tiegħu ser ikun qed joħrog avviż ukoll li ser jitqassam lir-residenti fejn ser jiġu nfurmati bil-ġranet li fihom ser jinġabar l-iskart sew dak imħallat u sew dak tal-borża ħadra. Is-Sindku qal ukoll li fl-ewwel ġimgħa ta' kull xahar Green Pak ser tiġbor il-ħġieġ minn fejn il-bieb tad-dar tar-residenti. Is-Sindku qal li nnota li fejn tneħħew il-*bring in site* qed ikun aktar nadif. Huwa qal li għal ħafna residenti t-tneħħija tal-*bring in site* neħħitilhom problema peress li ħdejhom kien isir ħafna *dumping*. Is-Sindku qal ukoll li ser jitpoġġa *bin* abjad fi Triq Inez Soler u ieħor wara Pjazza Dorell. Huwa qal li dawn ser ikunu għal użu tal-ħwienet għalkemm dawn xorta qed ikollhom problema peress li l-kollettur ma jistax jigbor aktar kaxxi tal-kartun ma' l-iskart imħallat. Huwa qal li l-Kunsill ser ikun qed jiddiskuti ma' GreenPak dwar kif l-aħjar li tista tiġi ndirriżata din il-problema.

## 7 Kwotazzjoni Re: SLLC(57-13-01) ON LINE STREAMING

Il-Kunsill iddiskuta s-sejħa għal kwotazzjonijiet għal xiri ta' apparat biex il-laqgħat tal-Kunsill jixxandru *live* fuq l-*Internet*. Gie nutat li issa kien għadda żmien biżżejjed biex il-kuntrattur li ppropona l-Kunsill jwieġeb għal kummenti tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali dwar l-apparat li qed joffri. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jipproponi t-tielet l-orħos offerta mill-lista ta' kwotazzjonijiet li ġew ntefgħu għal din is-sejħa jiġifieri dik ta' AID Ltd.

## 8 TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.30 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' April 2014 fl-4.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ......................... ta' ....................... 2014**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**